REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/670

tas-26 ta' Frar 2024

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri stabbiliti

(1) F'Lulju 2005, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 ([2]), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina" jew "il-RPĊ"). Il-miżuri kienu jikkonsistu f'dazju anti-dumping *ad valorem* li jvarja bejn 7,6 % u 46,7 % ("il-miżuri oriġinali").

(2) F'Lulju 2008, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 684/2008 ([3]) u wara rieżami interim parzjali *ex officio* skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament anti-dumping bażiku ("ir-Regolament bażiku"), il-Kunsill iċċara l-ambitu tal-miżuri u eskluda mill-miżuri anti-dumping oriġinali ċerti prodotti, jiġifieri lifters għoljin, stackers, scissor lifts u trakkijiet tal-użin, li jistgħu jitmexxew waħedhom jew jiġu mċaqilqa manwalment u jintużaw biex jiċċaqalqu u jerfgħu t-tagħbijiet, jgħinu fil-ħażna ta' tagħbijiet, jistivaw pallet wieħed fuq l-ieħor, jerfgħu t-tagħbija għal livell ta' ħidma jew jerfgħu u jżiżnu t-tagħbijiet, li nstabu li huma distinti minn pallet trucks tal-idejn minħabba l-karatteristiċi u l-funzjonijiet speċifiċi u l-użi finali tagħhom.

(3) F'Ġunju 2009, permezz tar-Regolament (KE) Nru 499/2009 ([4]), il-Kunsill, wara investigazzjoni antiċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, estenda d-dazju anti-dumping definittiv applikabbli "għall-kumpaniji l-oħrajn kollha" impost mir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 għal pallet trucks tal-idejn ikkonsenjati mit-Tajlandja, kemm jekk ġew iddikjarati li joriġinaw fit-Tajlandja, kif ukoll jekk le.

(4) F'Ottubru 2011, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1008/2011 ([5]), il-Kunsill, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, tawwal l-applikazzjoni tad-dazju anti-dumping eżistenti fuq l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn li joriġinaw miċ-Ċina.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 189, 21.7.2005, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 684/2008 tas-17 ta' Lulju 2008 li jiċċara l-ambitu tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 dwar importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 192, 19.7.2008, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 499/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 li jestendi d-dazju definittiv anti-dumping impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjonijiet tal-pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li oriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le (ĠU L 151, 16.6.2009, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1008/2011 tal-10 ta' Ottubru 2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu mibgħutin mit-Tajlandja, sew jekk dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 268, 13.10.2011, p. 1).

(5) F'April 2013, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 372/2013 ([6]), il-Kunsill, wara rieżami *interim* skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, emenda r-Regolament (UE) Nru 1008/2011, u mmodifika l-firxa oriġinali tad-dazji anti-dumping u impona rata ta' dazju ta' 70,8 % applikabbli għall-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni ta' pallet trucks tal-idejn li joriġinaw miċ-Ċina.

(6) F'Settembru 2014, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 946/2014 ([7]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni"), wara rieżami ta' esportatur ġdid skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, emendat ir-Regolament (UE) Nru 1008/2011, u imponiet rata' ta' dazju individwali ta' 54,1 % fuq l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn minn Ningbo Logitrans Handling Equipment Co.

(7) F'Awwissu 2016, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1346 ([8]), il-Kummissjoni, wara investigazzjoni antiċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, estendiet id-dazju anti-dumping definittiv stabbilit għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn kemxejn modifikati li jinkorporaw sistema ta' indikazzjoni tal-piż mhux integrata fix-xaża (il-frieket) li joriġinaw miċ-Ċina.

(8) F'Novembru 2017, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2206 ([9]), il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku wara rieżami ta' skadenza imponiet mill-ġdid il-miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn li joriġinaw miċ-Ċina (ir-"rieżami ta' skadenza preċedenti").

(9) Id-dazji anti-dumping li bħalissa huma stabbiliti huma dazji *ad valorem* stabbiliti b'rata ta' 70,8 %. Rata ta' dazju individwali ta' 54,1 % tapplika għal Ningbo Logitrans Handling Equipment Co., Ltd. ([10])

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(10) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika tal-iskadenza imminenti f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([11]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami ġiet sottomessa fid-29 ta' Awwissu 2022 minn Toyota Material Handling Europe u PR Industrial S.r.l. ("l-applikanti") f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-pallet trucks tal-idejn, fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

(11) It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping u għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(12) Wara li kkonsultat lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, u ddeterminat li kienet teżisti biżżejjed evidenza biex jinbeda r-rieżami ta' skadenza, fid-29 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' pallet trucks tal-idejn li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Renju tat-Tajlandja abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Din ippubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ("in-Notifika tal-Bidu") ([12]).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 372/2013 tat-22 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1008/2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni *interim* parzjali taħt l-Artikolu 11(3) tarRegolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 112, 24.4.2013, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 946/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1008/2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara analiżi tal- "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 7).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1346 tat-8 ta' Awwissu 2016 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1008/2011, kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 372/2013, dwar l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn kemm kemm immodifikati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 214, 9.8.2016, p. 1).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2206 tad-29 ta' Novembru 2017 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 314, 30.11.2017, p. 12).

([10]) ĠU L 265, 5.9.2014, p. 7.

([11]) ĠU C 104, 4.3.2022, p. 10.

([12]) ĠU C 452, 29.11.2022, p. 26.

1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(13) L-investigazzjoni tal-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2021 sat-30 ta' Settembru 2022 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami" jew ir-"RIP"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.5. **Partijiet interessati**

(14) Fin-Notifika tal-Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni biex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet speċifikament lill-applikanti, lill-produtturi l-oħrajn magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet Ċiniżi, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u stednithom jipparteċipaw.

(15) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.6. **Kampjunar**

(16) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.6.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(17) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet kampjun tal-produtturi tal-Unjoni b'mod provviżorju.

(18) F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-pallet trucks tal-idejn fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn żewġ produtturi tal-Unjoni.

(19) Iż-żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-produzzjoni u aktar minn 70 % tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju.

(20) Ma wasal l-ebda kumment u, għalhekk, il-kampjun provviżorju kien ikkonfermat. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.6.2. *Il-kampjunar ta' importaturi mhux relatati*

(21) Biex tiddeċiedi jekk kienx hemm bżonn li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati magħrufa kollha biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. L-ebda importatur mhux relatat ma ppreżenta ruħu u pprovda l-informazzjoni mitluba.

1.6.3. *Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fiċ-Ċina*

(22) Fin-Notifika ta' Bidu tal-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni ddikjarat li setgħet tieħu kampjun tal-produtturi esportaturi f'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku.

(23) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fiċ-Ċina biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Madankollu, ebda produttur esportatur fil-pajjiż ikkonċernat ma pprovda l-informazzjoni mitluba fil-perjodu ta' żmien definit fin-Notifika tal-Bidu.

(24) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Ma ngħatat l-ebda tweġiba.

(25) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi u l-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ, u infurmat lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea kif xieraq. Ma sar l-ebda kumment.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarji**

(26) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ"). Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju.

(27) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi esportaturi, lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun„ lill-utenti u lill-importaturi. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online fil-jum tal-bidu ([13]).

(28) Iż-żewġ produtturi tal-Unjoni fil-kampjun wieġbu l-kwestjonarji. Madankollu, il-produtturi esportaturi, l-importaturi mhux relatati, u l-utenti ma weġbux.

(29) Minħabba li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi jew mill-GTĊ, is-sejbiet rigward id-dumping u d-dannu saru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina lill-Unjoni Ewropea ġiet informata dwar dan. Ma wasal l-ebda kumment.

1.8. **Żjarat ta' verifika**

(30) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni.

(31) Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-produtturi tal-Unjoni li ġejjin:

— Toyota Material Handling Europe (l-Iżvezja);

— PR Industrial S.r.l (l-Italja).

(32) Il-Kummissjoni vverifikat id-data makroekonomika pprovduta mill-industrija tal-Unjoni fil-bini tar-rappreżentant legali tagħhom, White & Case, fi Brussell.

2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt rieżami**

(33) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, jiġifieri l-pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri, ix-xaża u l-idrawlika, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8427 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 8427 90 00 11 u 8427 90 00 19) u ex 8431 20 00 (il-kodiċijiet TARIC 8431 20 00 11, u 8431 20 00 19).

(34) Fl-2008, il-Kummissjoni wettqet rieżami *interim* u ċċarat li l-miżuri stabbiliti ma jkoprux ċerti kategoriji ta' prodotti, jiġifieri lifters għoljin, stackers, scissor lifts u trakkijiet tal-piż, li jistgħu jitħaddmu waħidhom jew jiġu mċaqilqa manwalment u jintużaw biex imexxu u jerfgħu t-tagħbijiet, jgħinu fil-ħżin ta' tagħbijiet, jistivaw pallet fuq oħra, jerfgħu t-tagħbija għal-livell li fih isir ix-xogħol jew biex jerfgħu u jiżnu t-tagħbijiet.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(35) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina fiċ-Ċina.

([13]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2635.

2.3. **Prodott simili**

(36) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri, kif ukoll fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll użi bażiċi simili:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fis-suq domestiku taċ-Ċina;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(37) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **STATISTIKA TAD-*DATA* TAL-IMPORTAZZJONI**

(38) Biex tiddetermina l-kwantità u l-prezz ta' pallet trucks tal-idejn importati fl-Unjoni, il-Kummissjoni tiddependi fuq l-istatistika tal-importazzjoni. Id-*data* uffiċjali għal dawn l-importazzjonijiet hija rreġistrata kemm f'kilogrammi kif ukoll f'unitajiet (biċċiet).

(39) Madankollu, is-sorsi statistiċi kollha disponibbli (Comext, Surveillance 3 u l-bażi tad-*data* bbażata fuq l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku) urew *data* inkonsistenti dwar il-volum ta' pallet trucks tal-idejn importati fl-Unjoni.

(40) Il-piż għal kull pallet truck tal-idejn importat wera fluttwazzjonijiet inspjegabbli. Dan kien inkonsistenti kemm mal-evidenza miġbura f'din l-investigazzjoni kif ukoll mal-istatistika dwar l-importazzjoni użata fl-investigazzjoni oriġinali u fir-rieżamijiet ta' skadenza preċedenti, li wrew li l-piż għal kull pallet truck tal-idejn huwa bażikament kostanti u ma jvarjax maż-żmien jew bejn l-Istati Membri.

(41) Għalhekk, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-Eurostat, li informat li d-*data* dwar il-volumi tal-importazzjonijiet f'żewġ Stati Membri tidher li ma ġietx irrapportata b'mod korrett, u li l-kilogrammi u l-biċċiet irrapportati ma tqisux bħala affidabbli fid-dawl tal-valur irrapportat tagħhom. Id-*data* tal-importazzjoni fl-Unjoni mingħajr importazzjonijiet f'dawn iż-żewġ Stati Membri nstabet koerenti madwar l-Istati Membri u konsistenti mal-istatistika preċedenti.

(42) Għalhekk, il-Kummissjoni aġġustat is-sett tad-*data* dwar l-importazzjoni tal-Eurostat għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni billi ħadet il-prezz għal kull biċċa mill-importazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni minbarra dawk lejn iż-żewġ Stati Membri msemmija fil-premessa (41) u billi applikat dak il-proporzjon tal-prezz għal kull biċċa għall-valur irrapportat tal-importazzjonijiet f'dawn iż-żewġ Stati Membri l-Istati sabiex tiddetermina l-volum ikkoreġut ta' dawn l-importazzjonijiet f'biċċiet.

(43) Dan l-aġġustament imbagħad ipprovda sett ta' *data* għall-importazzjonijiet fl-Unjoni fejn l-għadd ta' biċċiet importati u l-valur tagħhom għal kull biċċa kienu koerenti madwar l-Istati Membri.

(44) Dan is-sett ta' *data* aġġustat intuża biex jiġi kkalkolat id-dumping fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi u wkoll għal diversi indikaturi tad-dannu kif stabbilit hawn taħt fit-Tabelli 2, 3 4 u 5 ta' hawn taħt.

4. **DUMPING**

(45) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri stabbiliti tkunx probabbli li twassal għal kontinwazzjoni tad-dumping.

4.1. **Kummenti preliminari**

(46) Kif issemma fil-premessa (25), l-ebda produttur esportatur miċ-Ċina ma kkoopera fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta f'dan ir-rigward.

(47) Abbażi ta' dan, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-eżistenza tad-dumping u tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping stabbiliti hawn taħt kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari:

— l-informazzjoni inkluża fit-talba;

— l-informazzjoni miksuba mill-partijiet li kkooperaw matul l-investigazzjoni tar-rieżami, jiġifieri l-applikant u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun;

— l-istatistika tal-Eurostat aġġustata kif stabbilit fit-Taqsima 3 hawn fuq; u

— l-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA).

(48) Barra minn hekk, sabiex jinbena l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni użat id-*data* disponibbli fil-pajjiż rappreżentattiv kif spjegat fit-Taqsima 4.2.4 hawn taħt.

4.2. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku għall-importazzjonijiet tal-HPT li joriġinaw miċ-Ċina**

(49) Minħabba li l-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni kellha t-tendenza li turi, fir-rigward taċ-Ċina, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsiratal-Artikolu 2(6a), il-punt (b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(50) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(51) Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku sal-iskadenza.

(52) Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku sabiex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina. Ma tqajjem l-ebda kumment mill-GTĊ f'dan ir-rigward.

(53) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għall-fini li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni. Speċifikat ukoll li pajjiż terz rappreżentattiv possibbli għar-RPĊ f'dan il-każ kien il-Brażil, iżda li kienet se teżamina pajjiżi oħrajn possibbilment xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

(54) Fit-3 ta' April 2023, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati permezz ta' nota dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali ("Nota dwar is-sorsi").

(55) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, ikollha tiddependi fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tuża l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami ta' skadenza, flimkien ma' sorsi oħrajn ta' informazzjoni meqjusa xierqa skont il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku f'konformità mal-Artikolu 18(5) tar-Regolament bażiku.

(56) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni informat ukoll lill-partijiet interessati li kienet beħsiebha tuża lill-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv, u dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali bil-Brażil bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar is-sorsi u l-adegwatezza tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv u jissuġġerixxu wkoll pajjiżi oħrajn, dment li dawn jissottomettu biżżejjed informazzjoni dwar il-kriterji rilevanti.

(57) Infurmat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitt abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija Paletrans Equipamentos Ltda, produttur fil-pajjiż rappreżentattiv. Ma wasal l-ebda kumment.

4.2.1. *Valur normali*

(58) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(59) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "fil-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti".

(60) Kif spjegat ulterjorment hawn taħt, fl-investigazzjoni preżenti l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi esportaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

4.2.2. *L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(61) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-azzar fir-RPĊ ([14]), il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(62) F'dawk l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fir-RPĊ li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([15]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-azzar – l-azzar li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami – mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku ([16]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku ([17]).

([14]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444 tal-11 ta' Lulju 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-pjanċi b'bastun tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Turkija (ĠU L 177, 12.7.2023, p. 63); Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100 tal-11 ta' Jannar 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' kartelli tal-azzar inossidabbli li jistgħu jimtlew mill-ġdid u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 10, 12.1.2023, p. 36); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068 tas-26 ta' Ottubru 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 149); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 36, 17.2.2022, p. 1); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 tal-24 ta' Jannar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mit-Tajwan, mill-Indonesja, mis-Sri Lanka u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 16, 25.1.2022, p. 36).

([15]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 66; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 58; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 80; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 208 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 59.

([16]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 45; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 38; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 64; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 192 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 46.

([17]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 58; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 40; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 66; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 193 u 194, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 47. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u t-tneħħija ta' persunal kruċjali tal-maniġment f'SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP") fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet tan-negozju. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-anqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, jidher li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, mill-inqas mill-2016, is-CCP saħħaħ l-affermazzjonijiet tiegħu li jikkontrolla d-deċiżjonijiet tan-negozju fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrappurtat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u jsegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrappurtat li ċ-ċelloli tal-partit kienu jeżistu f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija ta' proprjetà privata, bi pressjoni dejjem tikber biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma dwar id-deċiżjonijiet tan-negozju fi ħdan il-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli huma ta' applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fis-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott li jkun qed jiġi rieżaminat u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(63) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([18]).

(64) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet meta jiġu miżmuma ħajjin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([19]).

(65) Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-azzar fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku ([20]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fir-RPĊ ([21]).

(66) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti dwar is-settur tal-azzar fir-RPĊ, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(67) Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba, kif ukoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-RPĊ għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ ("ir-Rapport"), li jibbaża fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-pallet trucks tal-idejn.

(68) Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

(69) It-talba għal rieżami allegat li l-ekonomija Ċiniża hija influwenzata b'mod wiesa' minn interventi mill-GTĊ jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra. Dawn l-interventi jaffettwaw diversi livelli tal-gvern u tas-suq. It-talba elenkat id-distorsjonijiet ġenerali li jaffettwaw is-suq tal-HPT, abbażi tas-sejbiet fir-Rapport, iżda elenkat ukoll diversi każijiet addizzjonali ta' intervent mill-Istat fis-settur tal-azzar.

([18]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 59; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 43; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 68; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessi 195-201, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessi 48-52.

([19]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 62; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 52; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 74; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 202 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 53.

([20]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 45; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 33; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 75; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 203 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 54.

([21]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1444, il-premessa 64; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/100, il-premessa 54; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa 76; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-premessa 204 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95, il-premessa 55.

(70) L-ewwel nett, it-talba indikat is-sussidji stabbiliti fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sussidji preżenti fis-settur tal-HRFS ([22]), filwaqt li enfasizzat li l-HRFS huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-HPT. It-talba tispjega ulterjorment li minbarra l-għotjiet diretti ta' flus offruti lill-kumpaniji, l-istat Ċiniż jintervjeni wkoll fl-ipprezzar tal-materja prima kruċjali f'dan is-settur, bħall-mineral tal-ħadid u l-faħam. It-talba indikat li l-iżgurar tal-provvista tal-materja prima lill-industrija domestika tal-azzar huwa prijorità waħda tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin ("FYP") Ċiniż.

(71) Biex ibaxxi l-prezzijiet tal-materja prima, l-istat Ċiniż għandu diversi strumenti: kwoti tal-esportazzjoni, taxxi tal-esportazzjoni, liċenzji tal-esportazzjoni. It-talba spjegat ukoll li f'Ġunju 2021, id-Dipartiment tal-Ippreżzar tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma u l-Amministratur tal-Istat għar-Regolamentazzjoni tas-Suq nedew inkjesta fin-negozjar spot tal-mineral tal-ħadid. Kien hemm ukoll investigazzjoni dwar il-prezzijiet tal-faħam. Dawk il-kontrolli huma intervent dirett tal-Istat Ċiniż fl-ipprezzar tal-materja prima użata għall-produzzjoni tal-HPT.

(72) Minbarra l-interventi ta' hawn fuq tal-Istat Ċiniż fl-industrija tal-azzar, it-talba affermat ukoll li mod ieħor il-gvern ipprovda appoġġ indirett lis-settur tal-azzar kien billi ma nfurzax b'mod strett ir-regolamenti dwar il-protezzjoni ambjentali, speċjalment fil-livell lokali.

(73) Fl-aħħar nett, it-talba semmiet li l-GTĊ qiegħed juża infużjonijiet u konverżjonijiet ta' ekwità biex jappoġġa lill-intrapriżi li jipproduċu l-azzar. Pereżempju, il-gvern tal-belt ta' Tianjin ippjana li jirristruttura d-dejn ta' CNY 92 biljun ta' Bohai Steel Group billi jqiegħed l-aktar assi profittabbli tiegħu f'kumpanija ġdida u jikkonverti porzjon tal-obbligazzjonijiet f'bonds.

(74) Il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport u l-evidenza addizzjonali pprovduta mill-applikanti, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

(75) Fis-settur tal-azzar — l-azzar huwa l-materja prima ewlenija għall-manifattura tal-prodott taħt rieżami (ara l-premessa (110)) — jippersisti grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku. Billi ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi tal-prodott taħt investigazzjoni, il-proporzjon eżatt tal-produtturi privati u tal-Istat ma setax jiġi ddeterminat. L-investigazzjoni kkonfermat li s-settur tal-HPT huwa frammentat ħafna b'bosta produtturi żgħar preżenti fis-suq.

(76) Barra minn hekk, minħabba li l-interventi tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP" jew "il-Partit") fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma anke f'kumpaniji privati, bis-CCP li jafferma t-tmexxija fuq kważi kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż, l-influwenza tal-Istat permezz ta' strutturi tas-CCP fi ħdan il-kumpaniji effettivament tirriżulta f'sitwazzjoni li fiha l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt kontroll u taħt superviżjoni politika tal-gvern, fid-dawl ta' kif l-istrutturi tal-Istat u tal-Partit kibru flimkien fir-RPĊ.

(77) L-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tal-produtturi tal-HPT fiċ-Ċina hija l-Assoċjazzjoni tat-Trakkijiet Industrijali taċ-Ċina ("CITA") ([23]), li hija sussidjarja tal-Assoċjazzjoni tal-Makkinarju tal-Kostruzzjoni taċ-Ċina ("CCMA") ([24]). Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni ("AoA") tas-CCMA jindikaw b'mod ċar influwenza qawwija tal-partijiet. Fl-Artikolu 2, l-AoA tiddeskrivi r-rwol tagħha bil-mod li ġej: "taqdi lill-gvern, lill-industrija, lill-membri u lill-utenti" u aktar: "l-Assoċjazzjoni timxi mal-Kostituzzjoni, mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki nazzjonali, timplimenta l-valuri ewlenin tas-soċjaliżmu, tippromwovi l-ispirtu ta' patrijottiżmu, timxi mal-moralità soċjali, u ssaħħaħ b'mod konxju l-kostruzzjoni tal-integrità u l-awtodixxiplina."

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17).

([23]) China Industrial Truck Association http://www.cncma.org/col/gyclfh/fenhuijieshao. Lista ta' industriji rappreżentati bl-HPT li jaqgħu fit-8 kategorija: http://www.cncma.org/article/gyclfh/12957.

([24]) China Construction Machinery Association http://www.cncma.org/.

(78) L-Artikolu 3 tal-AoA tas-CCMA jissottolinja r-rwol tal-gvern/tal-partit fl-organizzazzjoni: "L-assoċjazzjoni taderixxi mat-tmexxija ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, huwa jistabbilixxi organizzazzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, iwettaq attivitajiet tal-Partit, u jipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit. L-entità li tieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-Assoċjazzjoni hija l-Ministeru tal-Affarijiet Ċivili tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u l-entità li tieħu ħsieb il-bini tal-Partit hija l-Kumitat tal-Partit tas-Superviżjoni tal-Assi tal-Istat u l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Istat (SASAC). L-Assoċjazzjoni taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni tan-negozju mill-entità li tieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, l-entitajiet li jieħdu ħsieb il-bini tal-Partit, u mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti li jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-industrija" ([25]).

(79) Il-preżenza tal-partijiet tidher ukoll fil-livell tal-Assoċjazzjoni tal-Ħadid u l-Azzar taċ-Ċina ("CISA"). Skont l-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha, is-CISA "taderixxi mat-tmexxija ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina" u "taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni tan-negozju mill-entitajiet responsabbli għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, mill-entitajiet responsabbli għall-bini tal-partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti responsabbli għall-ġestjoni tal-industrija".

(80) Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tal-azzar huma soġġetti għal superviżjoni u gwida tal-politika. L-aktar dokumenti ta' politika Ċiniżi reċenti dwar is-settur tal-azzar jikkonfermaw l-importanza kontinwa li l-GTĊ jattribwixxi lis-settur, inkluża l-intenzjoni li jintervjeni fis-settur sabiex jifformah f'konformità mal-politiki tal-gvern.

(81) Dan huwa eżemplifikat mill-Opinjoni Gwida tal-2022 tal-Ministeru għall-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni dwar it-Trawwim ta' Żvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ħadid u l-Azzar ([26]), li titlob konsolidazzjoni ulterjuri tal-pedament industrijali u titjib sinifikanti fil-livell ta' modernizzazzjoni tal-katina industrijali, mill-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima ([27]) li skontu, is-settur se "jaderixxi mal-kombinazzjoni tat-tmexxija tas-suq u l-promozzjoni tal-gvern" u se "jikkultiva grupp ta' kumpaniji ewlenin bi tmexxija ekoloġika u b'kompetittività ewlenija", jew mill-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tar-Ruttam tal-Metall li l-objettivi ewlenin tiegħu huma li "jiżdied kontinwament il-proporzjon tal-applikazzjoni tar-ruttam tal-metall, u sa tmiem l-14-il FYP, il-proporzjon komprensiv tar-ruttam tal-produzzjoni nazzjonali tal-azzar se jilħaq it-30 %".

(82) Fir-rigward b'mod aktar speċifiku tal-prodott taħt rieżami, il-provinċji ta' Shandong u Jiangsu ħarġu l-14-il FYP rispettiv tagħhom dwar l-iżvilupp tal-bini tal-bastimenti u tat-tagħmir tal-inġinerija tal-baħar, li jippromwovu b'mod espliċitu s-settur tal-bini tal-bastimenti u l-produzzjoni relatata tal-azzar, b'hall-HPT.

(83) Eżempji simili tal-intenzjoni tal-awtoritajiet Ċiniżi li jissorveljaw u jiggwidaw l-iżviluppi tas-settur tal-azzar jistgħu jidhru wkoll fi provinċji oħrajn, b'hal f'Hebei li qed jippjana li "jimplimenta b'mod kostanti l-iżvilupp tal-grupp ta' organizzazzjonijiet, jaċċellera r-riforma tas-sjieda mħallta ta' intrapriżi tal-Istat, jiffoka fuq il-promozzjoni tal-fużjoni u r-riorganizzazzjoni interreġjonali talintrapriżi privati tal-ħadid u tal-azzar, u jistinka biex jistabbilixxi minn wieħed (1) sa żewġ (2) gruppi kbar ta' klassi dinjija, minn tlieta (3) sa ħames (5) gruppi kbar b'influwenza domestika bħala appoġġ" u li "jespandi aktar il-kanali tar-riċiklaġġ u taċ-ċirkolazzjoni tar-ruttam tal-metall, u jsaħħaħ l-iskrinjar u l-klassifikazzjoni tar-ruttam tal-metall".

(84) L-influwenza tal-Istat tista' tinstab ukoll fuq livell muniċipali, b'hal fil-Pjan ta' Azzjoni għall-2022 1 + 3 tal-Ħadid u l-Azzar tal-Muniċipalità Hebei Tangshan, li fih entitajiet muniċipali differenti għandhom il-kompitu li "jrawmu alleanzi u riorganizzazzjoni ta' impriżi bi prodotti simili fir-reġjun", b'haż-żewġ gruppi l-kbar tal-azzar Shougang (Jingtang, Qiangang) u Tangsteel New District, "jfittxu u jiggwidaw lill istituzzjonijiet finanzjarji biex jipprovdu lil impriżi tal-ħadid u l-azzar b'self b'interessi baxxi biex jippermettilhom jaqilbu għal industriji ġodda, u fl-istess ħin jipprovdu sussidji fil-forma ta' skont firrata ta' interess" kif ukoll "jappoġġaw l-ottimizzazzjoni tal-istruttura tal-prodotti" billi jagħtu lil "intrapriżi li jimmanifatturaw ta' kwalità għolja u prodotti ta' kwalità għolja godda, u fuq livell nazzjonali RMB 1 miljun u RMB 500 000 rispettivament, u lil intrapriżi li jimmanifatturaw ta' kwalità għolja u prodotti ta' kwalita għolja godda, u fuq livell provinċjali RBM 300 000 u RMB 100 000 rispettivament".

([25]) Ara l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tas-CCMA: http://www.cncma.org/article/472.

([26]) Dokument disponibbli fuq: https://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-02/08/content_5672513.htm (aċċessat fl-14 ta' Lulju 2023).

([27]) Dokument disponibbli fuq: https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/tz/art/2021/art_2960538d19e34c66a5eb8d01b74cbb20.html (aċċessat fl-14 ta' Lulju 2023).

(85) Bl-istess mod, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Henan għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar matul l-14-il FYP jipprevedi l-"kostruzzjoni ta' bażijiet speċifiċi għall-produzzjoni tal-azzar" jiġifieri "l-bini ta' sitt (6) bażijiet karatteristiċi għall-produzzjoni tal-azzar f'Anyang, Jiyuan, Pingdingshan, Xinyang, Shangqiu, Zhouou, eċċ., u t-titjib tad-daqs, l-intensifikazzjoni, u l-ispeċjalizzazzjoni tal-industrija. Fosthom, sal-2025, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ħadid mhux maħdum f'Anyang se tkun ikkontrollata f'livell ta' inqas minn 14-il miljun tunnellata, u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum se tkun ikkontrollata f'livell ta' inqas minn 15-il miljun tunnellata".

(86) L-investigazzjoni kkonfermat ukoll li l-GTĊ qed jinterferixxi fil-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat f'ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku, li jistabbilixxi l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi tal-HPT u s-CCP. Matul l-investigazzjoni kien impossibbli li tinstab informazzjoni dwar produtturi individwali, peress li dawn huma fil-biċċa l-kbira intrapriżi żgħar ħafna. Madankollu, l-investigazzjoni żvelat li rwol importanti tas-CCP fl-assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-produtturi tal-HPT, jiġifieri s-CCMA, li għandha kumitat attiv tal-Partit ([28]). Il-President tas-CITA huwa wkoll membru tas-CCP ([29]).

(87) Barra minn hekk, fis-settur tal-prodott li qiegħed jiġi investigat hemm stabbiliti politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż, tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni identifikat dokumenti ta' politika li juru li l-industrija tibbenefika minn gwida u intervent tal-gvern fil-prodott li qiegħed jiġi investigat bħala parti mis-settur tal-azzar.

(88) L-industrija tal-azzar tibqa' titqies bħala industrija essenzjali mill-GTĊ. Dan huwa kkonfermat fil-bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn iffokati fuq l-azzar, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali. Skont l-14-il FYC, il-GTĊ immarka lill-industrija tal-azzar għat-trasformazzjoni u għall-aġġornament, kif ukoll għall-ottimizzazzjoni u għall-aġġustament strutturali. B'mod simili, l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, applikabbli wkoll għall-industrija tal-azzar, jelenka s-settur bħala l-"pedament tal-ekonomija reali" u "qasam ewlieni li jsawwar il-vantaġġ kompetittiv internazzjonali taċ-Ċina" u jistabbilixxi għadd ta' objettivi u metodi ta' ħidma li jixprunaw l-iżvilupp tas-settur tal-azzar fil-perjodu ta' żmien mill-2021 sal-2025, bħal aġġornament teknoloġiku, it-titjib tal-istruttura tas-settur (mhux l-anqas permezz ta' konċentrazzjonijiet korporattivi ulterjuri) jew it-trasformazzjoni diġitali.

(89) Il-materja prima importanti użata għall-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni hija l-mineral tal-ħadid. Il-mineral tal-ħadid jissemma wkoll fl-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, li fih l-Istat qed jippjana li "jiżviluppa b'mod razzjonali r-riżorsi minerali domestiċi. Isaħħaħ l-esplorazzjoni tal-mineral tal-ħadid, jimplimenta politiki tat-taxxa preferenzjali, jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' teknoloġija u tagħmir avvanzati biex titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart solidu mill-minjieri".

(90) Fil-provinċji, bħal Hebei, l-awtoritajiet jipprevedu dan li ġej għas-settur: "sussidju bi skont fuq l-investiment għal proġett ġdid, jiġu esplorati u tingħata gwida lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipprovdu self b'imgħax baxx lill-intrapriżi tal-ħadid u tal-azzar biex jaqilbu għal industriji ġodda, u fl-istess ħin, il-gvern se jipprovdi sussidji ta' skont". Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-politika pubblika li jingħata appoġġ lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni ta' materja prima prinċipali użata fil-manifattura tas-HPT. Dawn il-miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

(91) L-investigazzjoni attwali ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku fis-settur tal-prodott taħt investigazzjoni ma jaffettwawx lill-manifatturi tal-prodott taħt investigazzjoni.

(92) Is-settur tal-HPT huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż tar-Regolament bażiku. Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-HPT jew tal-inputs prinċipali), kif ukoll indirettament (meta jkun hemm aċċess għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tal-manodopera fir-RPĊ).

([28]) Ara d-dettalji fuq is-sit web tas-CCMA: http://www.cncma.org/article/16231 u http://www.cncma.org/article/16893 (aċċessat fl-14 ta' Lulju 2023).

([29]) Ara s-sit web tas-CCMA: http://www.cncma.org/article/gyclfh/15525 (aċċessat fl-14 ta' Lulju 2023).

(93) Barra minn hekk, ma ġiet sottomessa l-ebda evidenza fl-investigazzjoni attwali li turi li s-settur tal-prodott taħt investigazzjoni ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal sabiex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(94) Fl-aħħar nett, huma meħtieġa diversi inputs għall-produzzjoni tal-HPT. Meta l-produtturi tat-HPT jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) jiġu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(95) Għalhekk, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tat-HPT ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Fil-fatt, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li, ġie prodott fir-RPĊ bil-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi ta' produzzjoni, jiġi espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

(96) L-ebda evidenza jew argument għall-kuntrarju ma tressqu mill-GTĊ f'din l-investigazzjoni. Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħielsa minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih.

(97) Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni proċediet biex tikkalkola l-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsima li ġejja.

4.2.3. *Pajjiż rappreżentattiv*

(98) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għaċ-Ċina fuq il-bażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ([30]);

— il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż ([31]);

— disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv;

— meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, tingħata preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(99) Kif spjegat fil-premessa (54), fit-3 ta' April 2023, il-Kummissjoni ħarġet Nota dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali. Din in-nota ddeskriviet il-fatti disponibbli u l-evidenza bażi tal-kriterji relevanti, kif ukoll informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tqis lill-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ, jekk l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi konfermata.

([30]) *Data* Miftuħa tal-Bank Dinji — Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

([31]) Jekk ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe pajjiż li jkollu livell simili ta' żvilupp, tista' titqies il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott taħt rieżami.

(100) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni spjegat li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni sinifikanti, hija jkollha tibbaża fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami ta' skadenza, flimkien ma' sorsi oħrajn ta' informazzjoni meqjusa xierqa skont il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, f'konformità mal-Artikolu 18(5) tar-Regolament bażiku, inkluża l-istatistika dwar l-importazzjoni, l-istatistika nazzjonali tal-pajjiż rappreżentattiv, is-sorsi tal-għarfien tas-swieq, it-tariffi mitluba mill-forniturituri tal-utilitajiet fil-pajjiż rappreżentattiv, u l-informazzjoni finanzjarja tal-produtturi fil-pajjiż rappreżentattiv.

(101) F'konformità mal-kriterji elenkati fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni identifikat lill-Brażil bħala pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina. Il-Brażil huwa kklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiż b'"introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross. Barra minn hekk, il-Brażil ġie identifikat bħala pajjiż fejn il-prodott taħt rieżami qiegħed jiġi prodott f'volumi sinifikanti f'suq kompetittiv kemm reġjonali kif ukoll globalment, u permezz ta' proċess tal-produzzjoni simili. Il-Brażil ġie identifikat ukoll bħala pajjiż fejn id-*data* rilevanti hija disponibbli faċilment.

(102) Il-partijiet interessati ma ssottomettew l-ebda kumment dwar in-Nota dwar is-sorsi.

(103) Finalment, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni u wara li ġie stabbilit li l-Brażil kien pajjiż rappreżentattiv xieraq, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, l-aħħar sentenza tar-Regolament bażiku.

(104) Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, kif propost fit-talba għal rieżami ta' skadenza u minħabba li l-Brażil issodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a) l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet lill-Brażil bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

4.2.4. *Sorsi li ntużaw sabiex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

(105) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produtturi esportaturi.

(106) Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, tuża l-Atlas tal-Kummerċ Globali biex tistabbilixxi l-kost mhux imxekkel tal-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża l-ILO, id-*data* tal-Ministeru tal-Minjieri u l-Enerġija tal-Brażil, u l-Istitut Brażiljan tal-Ġeografija u l-Istatistika biex tistabbilixxi l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manodopera u tal-enerġija.

(107) Finalment, il-Kummissjoni ddikjarat li sabiex tistabbilixxi l-kostijiet SG&A u l-profitt, tuża Orbis Bureau van Dijk u d-data finanzjarja minn produttur Brażiljan tal-prodott ikkonċernat, kif stabbilit fil-premessa (54) hawn fuq.

4.2.5. *Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni*

4.2.5.1. Fatturi ta' produzzjoni

(108) Permezz tan-Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni fittxet li tistabbilixxi lista ta' fatturi ta' produzzjoni u ta' sorsi maħsuba sabiex jintużaw għall-istabbiliment ta' lista sħiħa tal-inputs bħal materjali, enerġija u l-manodopera użati fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami mill-produtturi fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar il-lista ta' fatturi ta' produzzjoni.

(109) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikanti biex tistabbilixxi l-fatturi ta' produzzjoni użati fil-produzzjoni tal-HPTs.

(110) Meta titqies l-informazzjoni kollha li hemm fit-talba u l-informazzjoni sussegwenti sottomessa mill-applikant, ġew identifikati l-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom biex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni ta' pallet trucks tal-idejn

Fattur ta' produzzjoni	Kodiċi tal-komodità	Valur mingħajr distorsjoni	Unità ta' kejl	Sors
Materja prima				
Azzar ċatt b'laminazzjoni termali	72082610, 72082690	7,09 CNY	kg	GTA
Ħadid Fondut (komponenti proċessati)	84312011, 84312019, 84312090	46,52 CNY	kg	GTA
Komponenti oħrajn tal-azzar (pajpijiet)	84312011, 84312019, 84312090	46,52 CNY	kg	GTA
Komponenti maħdumin (labar, rotazzjonijiet)	84821010, 84821090	49,88CNY	kg	GTA
Kejbil tan-nylon jew polijamidu ieħor	87169090	45,68 CNY	kg	GTA
Manodopera				
Manodopera	61,32 CNY		siegħa	L-Istitut Brażiljan tal-Ġeografija u l-Istatistika flimkien mal-ILO
Enerġija				
Elettriku	0,944 CNY		kWh	Il-Ministeru tal-Minjieri u l-Enerġija tal-Brażil
Gass naturali	0,705 CNY		kWh	Prezzijiet tal-Petrol madwar id-Dinja ([32])
Prodotti sekondarji/skart				
Skart u fdal	2,128 CNY		kg	L-Anness V tat-talba

4.2.5.2. Materja prima u ruttam

(111) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata sal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha, minbarra ċ-Ċina u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO, elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33]).

([32]) https://www.globalpetrolprices.com/Brazil/.

([33]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jikkunsidra li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-iskop li jiġi ddeterminat il-valur normali.

(112) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li fit-taqsima 4.2.2 ikkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Wara li ġew eskluży l-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-pajjiż rappreżentattiv, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' rappreżentattiv.

(113) Normalment, mal-prezzijiet referenzjarji jenħtieġ li jiżdiedu wkoll il-kostijiet tat-trasport domestiku. Madankollu, l-objettiv ta' rieżami ta' skadenza huwa li jiġi ddeterminat jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew jistax jerġa' jseħħ, aktar milli jinstab id-daqs eżatt tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-aġġustamenti għat-trasport domestiku ma kinux meħtieġa peress li jirriżultaw biss fiż-żieda tal-valur normali u għalhekk tal-marġni tad-dumping.

4.2.5.3. Manodopera

(114) Biex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju għall-manodopera, il-Kummissjoni użat statistika dwar il-kostijiet mill-Istitut Brażiljan tal-Ġeografija u l-Istatistika ("Instituto Brasileiro de Geografia e Estatística) ([34]) biex tiddetermina l-pagi fil-Brażil. Is-sit web tal-Istitut jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet lavorattivi annwali totali f'setturi ekonomiċi differenti u l-Kummissjoni użat il-pagi statutorji, fil-ġimgħa, is-sigħat tax-xogħol, u fix-xahar tal-impjegati fis-settur tal-manifattura u s-sigħat fil-ġimgħa medji maħduma fil-Brażil għall-2021. Fuq din il-bażi, ġiet ikkalkulata rata fis-siegħa ta' 61,32 CNY/siegħa.

4.2.5.4. Elettriku

(115) Il-prezz tal-elettriku għall-kumpaniji (l-utenti industrijali) fil-Brażil huwa ppubblikat mill-Ministeru tal-Minjieri u l-Enerġija ([35]). Il-Kummissjoni użat id-data dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali minn Ottubru 2021 sa Settembru 2022 u stabbiliet prezz fil-livell ta' 0,944 CNY/kWh (li jkopri l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami).

4.2.5.5. Gass naturali

(116) Il-prezz tal-gass naturali għall-kumpaniji (l-utenti industrijali) fil-Brażil huwa pubblikat mill-fornitur tad-*data* tas-suq *globalpetrolprices.com* ([36]). Il-Kummissjoni użat l-ipprezzar korrispondenti għall-utenti industrijali li jkopri l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.2.5.6. SG&A u profitti

(117) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(118) Sabiex tistabbilixxi l-SG&A u l-profitt, il-Kummissjoni użat id-*data* finanzjarja tal-produttur Brażiljan Paletrans Equipamentos Ltda kif irrapportat fil-bażi tad-*data* tal-Orbis għas-sena 2021. Il-Kummissjoni l-ewwel iddeterminat il-perċentwal tal-kostijiet SG&A u ta' kostijiet oħrajn tal-kumpanija, li kienu jammontaw għal 11,37 % tal-kost tal-oġġetti mibjugħa u mbagħad ikkalkulat il-profitti miksuba minn Paletrans Equipamentos Ltda, li kienu jammontaw għal 14,38 % tal-kost tal-oġġetti mibjugħa.

4.2.6. *Kalkolu tal-valur normali*

(119) Abbażi ta' dak ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi ex-works f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

([34]) https://www.ibge.gov.br/estatisticas/economicas/industria/9042-pesquisa-industrial-anual.html?=&t=destaques.
([35]) https://www.gov.br/mme/pt-br/assuntos/secretarias/spe/publicacoes/boletins-mensais-de-energia.
([36]) https://www.globalpetrolprices.com.

(120) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami dwar l-użu ta' kull fattur (il-materjali u l-manodopera) għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami. Dawn il-volumi tal-konsum ġew immultiplikati bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità stabbiliti fil-Brażil, kif deskritt fit-Taqsima 4.2.5. Bl-istess mod, skont l-istess metodoloġija, il-Kummissjoni stabbiliet il-valur mhux imxekkel tal-iskart u tar-ruttam u naqqsitu mill-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni stabbiliti hawn fuq.

(121) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-materja prima, il-Kummissjoni żiedet il-kostijiet lavorattivi, kif innotat fil-premessa (114), u l-kost għall-elettriku u għall-gass naturali, kif innotat fil-premessi (115) u (116). Il-kost lavorattiv kien jinkludi wkoll porzjon tal-kost tax-xogħol indirett, li skont l-applikant kien jirrappreżenta l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura.

(122) Il-Kummissjoni mbagħad żiedet l-SG&A u l-profitt fil-Brażil, li ġie espress bħala perċentwal tal-kost tal-oġġetti mibjugħa u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, u ammonta għal 11,37 % u 14,38 % rispettivament, kif spjegat fil-premessa (118).

(123) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi ex-works f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

4.2.7. *Prezz tal-esportazzjoni*

(124) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi miċ-Ċina, il-prezz tal-esportazzjoni għall-importazzjonijiet li saru lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġie ddeterminat skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-istatistika tal-Eurostat. Il-prezz CIF għal kull HPT tnaqqas mill-merkanzija bil-baħar (EUR 31,79 għal kull HPT) u l-ispejjeż tat-trasport intern (EUR 5,86 għal kull HPT). Dawn il-kostijiet kienu bbażati fuq data pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami ([37]).

4.2.8. *Marġni tat-tqabbil u tad-dumping*

(125) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali maħdum stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u l-prezz tal-esportazzjoni kif stabbilit hawn fuq.

(126) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping, espress bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kien 82,5 %. Għalhekk ġie konkluż li d-dumping tkompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING**

(127) B'segwitu għas-sejbiet tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping, jekk il-miżuri jiġu revokati. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi u lejn l-Unjoni, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(128) Kif imsemmi fil-premessa (25), la l-produtturi esportaturi Ċiniżi u lanqas il-GTĊ ma kooperaw f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Ċiniżi li, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-fatti disponibbli jistgħu jintużaw biex jiġi ddeterminat jekk kienx qiegħed iseħħ dumping u biex tiġi ddeterminata l-probabbiltà li jitkompla d-dumping. B'mod partikolari:

— l-informazzjoni inkluża fit-talba;

— l-istatistika tal-Eurostat;

— l-istatistika disponibbli għall-pubbliku fil-bażi tad-*data* tal-Atlas tal-Kummerċ Globali.

(129) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta mingħand l-awtoritajiet Ċiniżi f'dan ir-rigward.

([37]) Talba għal rieżami, p. 25; L-Anness 7.

5.1. **Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina**

(130) Fir-rigward tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni fiċ-Ċina, fin-nuqqas ta' sorsi oħra ta' informazzjoni, l-analiżi saret fuq il-bażi tad-*data* sottomessa matul l-investigazzjoni mill-applikanti.

(131) L-investigazzjoni wriet li hemm kapaċità żejda ġenerali tal-HPTs fiċ-Ċina għall-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(132) Skont l-analiżi tas-suq tal-applikanti, il-kapaċità tal-produzzjoni ddikjarata mill-assoċjazzjoni Ċiniża tal-HPTs fl-2021 kienet tammonta għal 3 miljun biċċa, bi produzzjoni reali ta' 1,7 miljun biċċa.

(133) B'riżultat ta' dan, il-kapaċità ta' riżerva Ċiniża kienet stmata li hija madwar 1,3 miljun biċċa jew aktar minn 40 % ([38]). Madankollu, din hija stima konservattiva peress li skont l-applikanti bosta produtturi iżgħar tal-HPT fiċ-Ċina ma humiex parti mill-assoċjazzjoni u għalhekk in-numru totali tal-produzzjoni tal-HPT fiċ-Ċina huwa tal-inqas 10–15 % ogħla miċ-ċifri rrapportati tal-assoċjazzjoni.

(134) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċità ta' riżerva sinifikanti, li tammonta tal-inqas għal 40 % tal-kapaċità tal-produzzjoni, li tista' tintuża għall-esportazzjonijiet fl-Unjoni jekk jiskadu l-miżuri.

5.2. **Prezzijiet tas-suq tal-Unjoni**

(135) Rigward l-imġiba tal-esportazzjoni taċ-Ċina lejn pajjiżi terzi oħrajn, ma hemm l-ebda statistika disponibbli dwar il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami. Il-kodiċijiet rilevanti tal-prodotti Ċiniżi jinkludu wkoll prodotti oħrajn jiġifieri "Trakkijiet mgħammra b'tagħmir għall-irfigħ jew għat-tqandil, mhux motorizzati", li għandhom prezz unitarju ogħla mill-pallet trucks tal-idejn, li jżid il-prezz tal-esportazzjoni medju. Barra minn hekk, it-talba għal rieżami ma tipprovdix *data*.

(136) Il-bażi tad-*data* tal-GTA tista' tintuża bħala indikatur biex tipprovdi indikazzjoni approssimattiva tax-xejriet tal-volumi tal-esportazzjoni. Sabiex jiġi stabbilit l-iżvilupp possibbli tal-importazzjonijiet f'każ li jitħassru l-miżuri, il-Kummissjoni analizzat il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn is-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni mbagħad qabblithom mad-*data* dwar l-esportazzjoni dinjija miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(137) Id-*data* tal-GTA wriet li s-suq tal-Unjoni huwa t-tieni l-akbar destinazzjoni għall-kwantitajiet ta' importazzjoni tal-HPTs miċ-Ċina. Barra minn hekk, id-*data* tal-Eurostat uriet li l-prezz medju tal-bejgħ lill-Unjoni kien ta' EUR 212 għal kull biċċa, filwaqt li d-*data* tal-GTA wriet li dan kien jammonta biss għal EUR 168 lill-Istati Uniti, li huwa l-aktar suq tal-esportazzjoni importanti u għal EUR 179 fuq l-aktar sitt (6) swieq tal-esportazzjoni importanti l-oħrajn (ir-Russja, l-Indja, it-Turkija, il-Korea t'Isfel, il-Messiku u l-Awstralja).

(138) Għall-istess raġunijiet kif deskritti hawn fuq fil-premessa (135), huwa għalhekk konkluż li l-prezz tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħrajn huwa saħansitra aktar baxx.

(139) Id-*data* tindika b'mod ċar li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi għall-HPTs lejn is-suq tal-Unjoni kienu ogħla minn sħab oħrajn, inklużi l-Istati Uniti. Dan jissuġġerixxi li jekk jiskadu l-miżuri, il-produtturi Ċiniżi x'aktarx ibiddlu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni.

5.3. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni u prattiki ta' ċirkomvenzjoni**

(140) L-applikanti ssuġġerew li l-produtturi esportaturi Ċiniżi diġà qegħdin jassorbu parzjalment id-dazji anti-dumping biex iżommu s-sehem mis-suq tagħhom fl-Unjoni. Dan huwa dedott mit-tqabbil tal-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi ([39]) lejn l-Unjoni mal-prezzijiet ta' importazzjonijiet oħrajn fl-Unjoni u mal-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn swieq oħrajn. Minkejja l-limitazzjonijiet enfasizzati fil-premessa (135), dan jimplika li mingħajr miżuri, il-pallet trucks tal-idejn Ċiniżi se jegħrqu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet baxxi.

([38]) Talba għal rieżami, Anness 12.

([39]) L-applikant jirreferi għal stimi mill-Monitoraġġ tad-*Data* dwar il-Kummerċ (https://www.tradedatamonitor.com) li jaqblu mad-*data* mill-bażi tad-*data* tal-GTA, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-limitazzjonijiet spjegati fil-premessa (135).

(141) Bl-istess mod, kif uriet it-talba, instab li matul l-ewwel għaxar snin tat-tul tal-miżuri, l-esportaturi Ċiniżi implimentaw diversi modi biex jevitaw id-dazji anti-dumping stabbiliti. L-ewwel nett, huma bdew jevitaw id-dazji permezz ta' operazzjonijiet ta' trażbord u assemblaġġ fit-Tajlandja (il-premessa (3)). Imbagħad, l-esportaturi Ċiniżi bdew jevitaw il-miżuri billi żiedu apparat tal-użin fuq it-trakkijiet tagħhom u billi jużaw klassifikazzjoni doganali falza (il-premessa (7)). Il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni juru l-interess tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fl-aċċess għas-suq tal-Unjoni mingħajr restrizzjonijiet u, b'hekk, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet Ċiniżi.

5.4. **Konklużjoni**

(142) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul l-RIP u dwar l-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet jekk il-miżuri jiskadu, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami miċ-Ċina tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping.

6. **DANNU**

6.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(143) Il-prodott simili kien manifatturat minn seba' produtturi magħrufa fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li sitta minnhom appoġġaw it-talba u kkooperaw fl-investigazzjoni billi pprovdew *data* makroekonomika. Dawn jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(144) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet stabbilita għal madwar 230 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-industrija tal-Unjoni. Intgħażlu żewġ produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li kienu jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-produzzjoni totali fl-Unjoni tal-prodott simili.

6.2. **Konsum tal-Unjoni**

(145) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-kwantitajiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni u d-*data* dwar l-importazzjoni ta' pallet trucks tal-idejn f'biċċiet mill-Eurostat.

(146) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni tal-HPT (biċċiet)

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Konsum totali tal-Unjoni	573 515	449 473	577 458	709 687
Indiċi	100	78	101	124

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju u l-Eurostat.

(147) Il-konsum fl-Unjoni żdied mill-2019 għal tmiem l-RIP b'24 % bi tnaqqis fl-2020 matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-konsum tal-Unjoni naqas fl-2020 iżda reġa' lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija fl-2021 u żdied sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(148) Il-pallet trucks tal-idejn huma assi u jinxtraw biss għas-sostituzzjoni tal-assi eżistenti jew għall-espansjoni tal-attività. Is-sena 2020 rat pawża fuq kwalunkwe espansjoni tas-setturi li jirrikjedu pallet trucks tal-idejn minħabba l-pandemija, li jispjega t-tnaqqis temporanju fil-konsum matul dak il-perjodu.

6.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

6.3.1. *Kwantità u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(149) Il-Kummissjoni stabbiliet il-kwantità tal-importazzjonijiet u tal-ishma mis-suq abbażi tad-*data* dwar l-importazzjoni f'euro u f'biċċiet.

(150) L-importazzjonijiet fl-Unjoni miċ-Ċina żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Kwantità tal-importazzjoni (biċċiet) u sehem mis-suq

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Kwantità ta' importazzjonijiet miċ-Ċina (biċċiet)	64 719	47 882	63 914	44 523
Indiċi	100	74	99	69
Sehem mis-suq	11 %	11 %	11 %	6 %

Sors: *Data* tal-Eurostat dwar l-importazzjoni.

(151) L-importazzjonijiet miċ-Ċina komplew matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni fi kwantitajiet li jvarjaw f'medda ta' bejn 45 000 biċċa u 70 000 biċċa. B'mod ġenerali, fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volumi tal-importazzjoni miċ-Ċina naqsu b'31 %.

(152) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqa' stabbli għal 11-12 % mill-2019 sal-2021 iżda naqas għal 6 % fir-RIP.

6.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(153) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* dwar l-importazzjoni. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi ta' tqabbil ta' din id-*data* dwar l-importazzjoni mal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(154) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/unità)

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Iċ-Ċina	148	153	166	204
Indiċi	100	96	112	138

Sors: *Data* tal-Eurostat dwar l-importazzjoni.

(155) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-HPT miċ-Ċina żdiedu bejn l-2021 u l-PIR, b'żieda ta' 38 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, iż-żidiet fil-prezzijiet jistgħu jiġu attribwiti għall-kundizzjonijiet ekonomiċi, iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u l-inflazzjoni dinjija wara l-pandemija fl-2020.

(156) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet:

— il-prezz medju ponderat tal-bejgħ għal kull unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbur mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati fuq livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; kif ukoll

— il-prezz medju Ċiniż tal-importazzjoni żbarkat ibbażat fuq l-istatistika tal-importazzjoni, inkluż id-dazju anti-dumping eżistenti ta' 70,8 % u d-dazji doganali ta' 4 %.

(157) Meta wieħed iqabbel il-prezz tal-importazzjoni tal-pallet trucks tal-idejn miċ-Ċina, inklużi d-dazji stabbiliti, mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-importazzjoni ma kinux qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

6.4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina**

(158) L-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina kienu prinċipalment mill-Malażja u mill-Vjetnam.

(159) Il-kwantità tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet fil-prezzijiet għall-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw kif ġej:

Tabella 5

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Il-Malażja	Kwantità f'biċċiet	209 436	125 542	131 139	203 417
	Indiċi	100	60	63	97
	Sehem mis-suq	37 %	28 %	23 %	29 %
	Prezz medju (EUR/unità)	159	155	174	216
	Indiċi	100	98	109	136
Il-Vjetnam	Kwantità f'biċċiet	114 538	118 516	175 216	247 797
	Indiċi	100	103	153	216
	Sehem mis-suq	20 %	26 %	30 %	35 %
	Prezz medju (EUR/unità)	142	144	157	186
	Indiċi	100	102	110	131
Pajjiżi terzi oħrajn	Kwantità f'biċċiet	10 117	6 959	5 683	11 793
	Indiċi	100	69	56	117
	Sehem mis-suq	2 %	2 %	1 %	2 %
	Prezz medju (EUR/unità)	206	303	282	253
	Indiċi	100	148	137	123

Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra ċ-Ċina	Kwantità f'biċċiet	334 090	253 524	316 264	478 251
	Indiċi	100	76	95	143
	Sehem mis-suq	58 %	56 %	54 %	65 %
	Prezz medju (EUR/unità)	154	153	164	195
	Indiċi	100	96	93	112

Sors: *Data* tal-Eurostat dwar l-importazzjoni.

(160) L-importazzjonijiet fl-Unjoni minbarra miċ-Ċina kienu kważi esklużivament mill-Malażja u mill-Vjetnam matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(161) Il-kwantità tal-importazzjonijiet mill-Malażja baqgħet stabbli, filwaqt li s-sehem mis-suq tagħhom naqas bi tmien (8) punti perċentwali f'suq li qiegħed jikber.

(162) L-importazzjonijiet mill-Vjetnam żdiedu drastikament matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bil-kwantitajiet jiżdiedu sa tmiem l-RIP għal aktar mid-doppju tal-kwantità fl-2019. Is-sehem mis-suq tagħhom żdied bi 15-il punt perċentwali għal 35 % fl-RIP.

(163) Il-prezz ġenerali tal-importazzjonijiet żdied ukoll matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni bi 30 %.

6.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

6.5.1. *Rimarki ġenerali*

(164) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(165) Kif imsemmi fil-premessi (17) sa (20), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(166) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* fornuta mill-industrija tal-Unjoni. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni.

(167) Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi ta' *data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(168) L-indikaturi makroekonomiċi huma l-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(169) L-indikaturi mikroekonomiċi huma l-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kostijiet unitarji, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profitabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jinġabar kapital.

6.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

6.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(170) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Kwantità tal-produzzjoni (biċċiet)	212 552	181 256	260 606	231 964
Indiċi	100	85	123	109
Kapaċità tal-produzzjoni (biċċiet)	370 500	370 500	475 500	479 500
Indiċi	100	100	128	129
Użu tal-kapaċità	57 %	49 %	55 %	48 %

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni.

(171) Bejn l-2019 u tmiem l-RIP il-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet b'9 % kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni li żdiedet b'29 %.

6.5.2.2. Volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(172) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Kwantità tal-bejgħ u sehem mis-suq (biċċiet)

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Kwantità tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni	174 706	148 066	197 280	186 913
Indiċi	100	85	113	107
Sehem mis-suq	30 %	33 %	34 %	26 %

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni.

(173) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-kwantità tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdiedet b'seba' (7) punti perċentwali. Il-bejgħ naqas fl-2020 iżda rkupra wara l-pandemija.

(174) L-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi wkoll iżżomm is-sehem mis-suq tagħha relattivament stabbli bejn l-2019 u l-2021 iżda s-sehem mis-suq tagħha naqas fl-RIP. B'mod ġenerali, bejn, l-2019 u l-RIP, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 30 % għal 26 %.

6.5.2.3. Tkabbir

(175) Kif stabbilit hawn fuq, kemm il-konsum fl-Unjoni kif ukoll il-kwantitajiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bejn l-2019 u tmiem l-RIP. Irrispettivament minn din ix-xejra dejjem tikber, l-industrija tal-Unjoni tilfet 4 % tas-sehem mis-suq matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika minn suq li qed jikber u lanqas ma setgħet iżżomm is-sehem mis-suq tagħha.

(176) Il-Kummissjoni tinnota wkoll iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Vjetnam matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni għad-detriment tal-atturi l-oħrajn kollha fis-suq tal-Unjoni.

6.5.2.4. Impjiegi u produttività

(177) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Impjiegi u produttività

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Għadd ta' impjegati	624	565	653	686
Indiċi	100	90	105	110
Produttività (unitajiet/impjegat)	340	321	399	338
Indiċi	100	94	117	99

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni.

(178) L-għadd ta' impjegati tal-industrija tal-Unjoni żdied b'10 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-produttività baqgħet relattivament stabbli mill-2019 sa tmiem l-RIP.

6.5.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping dannuż fil-passat

(179) Din l-investigazzjoni stabbiliet marġni tad-dumping ta' 82,5 %. L-effett tad-daqs tal-marġni attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni seta' ġie ffaċilitat mill-miżuri anti-dumping stabbiliti, madankollu l-industrija tal-Unjoni xorta ma setgħetx iżżomm is-sehem mis-suq tagħha, li naqas b'erba' punti perċentwali.

(180) Għalkemm il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'9 %, il-kostijiet unitarji korrispondenti tal-produzzjoni żdiedu b'25 %.

(181) L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet ulterjorment minħabba l-pressjoni tal-prezzijiet baxxi tal-importazzjoni u fid-dawl ta' żidiet kbar fil-prezzijiet tal-azzar u tal-elettriku u pressjonijiet inflazzjonarji fuq kostijiet oħrajn inkluż il-manodopera.

(182) Fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, il-Kummissjoni setgħet tara li l-industrija tal-Unjoni kienet bdiet tirkupra mill-effett ta' dumping dannuż fil-passat. Kemm il-kwantitajiet tal-bejgħ kif ukoll l-ishma mis-suq żdiedu b'mod sinifikanti, u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom tjiebet b'mod sinifikanti.

(183) Madankollu matul dan il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni reġgħet iddeterjorat sal-punt fejn l-industrija reġgħet ġarrbet dannu.

6.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

(184) L-indikaturi mikroekonomiċi huma ppreżentati hawn taħt f'indiċijiet u wkoll f'firxiet. Dan sar biex tiġi protetta l-kunfidenzjalità taż-żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, peress li d-divulgazzjoni tad-*data* eżatta tirrilaxxa d-*data* ta' produttur wieħed lill-ieħor.

(185) L-indiċijiet huma pprovduti biex juru x-xejra tal-indikatur maż-żmien, b'2019 f'100. Huma pprovduti wkoll firxiet biex juru d-daqs tal-indikatur.

6.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(186) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/biċċa)

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Prezz medju tal-bejgħ għal kull unità fl-Unjoni	[270– 300]	[270– 300]	[270– 300]	[310– 330]
Indiċi	100	98	99	109
Kost unitarju tal-produzzjoni	[270– 300]	[290– 320]	[290– 320]	[340– 370]
Indiċi	100	107	106	125

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(187) Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni baqgħu relattivament stabbli sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-pallet trucks tal-idejn huma assi li, ladarba jinxtraw, jistgħu jibqgħu fis-servizz għal snin jekk mhux għexieren ta' snin. Il-prodott huwa wkoll, skont il-ħtieġa, wieħed standard, peress li l-pallet truck baqa' tal-istess disinn sabiex ikun jista' jissodisfa l-pallet standard. Għalhekk ma huwiex rari li l-prezzijiet jinżammu stabbli matul il-perjodu meħud f'kunsiderazzjoni.

(188) Madankollu, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun raw żieda fil-prezzijiet ta' 10 punti perċentwali bejn l-2021 u l-RIP.

(189) Il-kost tal-manifattura ta' pallet truck tal-idejn jiddependi essenzjalment fuq żewġ affarijiet, il-prezz tal-azzar u l-prezz tal-enerġija. Iż-żewġ kostijiet żdiedu b'mod rapidu fl-2021 u fl-RIP, u żiedu l-kost tal-manifattura b'mod sinifikanti, bi 19-il punt perċentwali bejn l-2021 u l-RIP.

6.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(190) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	[35 000– 38 000]	[40 000– 43 000]	[47 000– 50 000]	[47 000– 50 000]
Indiċi	100	116	134	132

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(191) Il-kostijiet lavorattivi żdiedu bi 32 % bejn l-2019 u t-tmiem tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, f'konformità maż-żidiet fil-pagi madwar l-ekonomija tal-Unjoni bħala rispons għall-pressjonijiet inflazzjonarji.

6.5.3.3. Stokkijiet

(192) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Stokkijiet

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Stokk tal-għeluq (biċċiet)	[5 000– 5 500]	[6 000– 6 500]	[8 000– 8 500]	[6 500– 7 000]
Indiċi	100	124	163	138
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	3 %	4 %	4 %	3 %

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(193) Għalkemm l-istokkijiet tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bi 38 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, dawn kienu baxxi meta mqabbla mal-kwantità totali prodotta, u l-istokk tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni baqa' stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

6.5.3.4. Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġenerat il-kapital

(194) Il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2019	2020	2021	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	10,5 %	6,2 %	– 1,1 %	– 0,9 %
Fluss tal-flus (EUR)	[3 000 000 – 4 000 000]	[0 sa - 1 000 000]	[500 000 – 1 500 000]	[- 3 500 000 sa - 4 500 000]
Indiċi	100	- 19	45	- 120
Investimenti (EUR)	[3 000 000 – 4 000 000]	[1 000 000 – 1 500 000]	[0 – 500 000]	[0 – 500 000]
Indiċi	100	32	13	14
Redditu fuq l-investimenti	47 %	- 15 %	30 %	- 94 %

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(195) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(196) Billi l-kostijiet tal-produzzjoni żdiedu l-ewwel bejn l-2019 u l-2020 u komplew jiżdiedu bejn l-2021 u tmiem l-RIP, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma setgħux jirkupraw il-kostijiet totali tagħhom, u l-profitti li setgħu jagħmlu fl-2019 ma setgħux jinkisbu fl-2020. Fl-2021 u fl-RIP, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tagħmel it-telf.

(197) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss ta' flus nett żviluppat f'konformità mal-inabbiltà tagħha li tagħmel profitt matul it-tmiem tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(198) L-investimenti, u r-redditu fuq l-investimenti, juru wkoll l-istess xejra, peress li huma marbuta mal-profittabbiltà tal-kumpaniji u l-kapaċità tagħhom li jżidu l-kapital biex jiffinanzjaw l-investimenti. It-tmiem tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni wera wkoll żidiet kemm fl-inflazzjoni kif ukoll fir-rati tal-imgħax fuq is-self.

6.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(199) Ir-rieżami ta' skadenza preċedenti sab li kien hemm irkupru fraġli għall-industrija tal-Unjoni minn dumping tal-passat. Fl-investigazzjoni attwali, l-industrija tal-Unjoni reġgħet ġarrbet dannu matul il-perjodu kkunsidrat, b'mod partikolari fl-2021 u l-PIR.

(200) Tali dannu jista' jitqies fit-telf li sar mill-industrija u l-ħtieġa li wieħed jikkompeti mal-importazzjonijiet miċ-Ċina, mill-Vjetnam u mill-Malażja abbażi tal-prezz, minħabba n-natura standard tal-prodott innifsu.

(201) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(202) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li dan id-dannu jiġi fi żmien meta l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-HPT ma kinux qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(203) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma setax kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

7. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TA' DANNU KKAWŻAT MINN IMPORTAZZJONIJIET OĠĠETT TA' DUMPING**

(204) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (201) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li dan id-dannu kien marbut mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

(205) Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(206) F'dan ir-rigward, ġew analizzati l-elementi li ġejjin mill-Kummissjoni:

(a) il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina;

(b) ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni;

(c) il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni, inkluż il-livell tat-twaqqigħ tal-prezz u ta' dannu; u

(d) ċ-ċirkomvenzjoni

7.1. **Il-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina**

(207) Kif stabbilit fil-premessi (130) sa (134), hemm kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità ta' riżerva sostanzjali fiċ-Ċina biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni malajr f'każ li l-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu. Kif stabbilit fil-premessa (131), il-kapaċità ta' riżerva kienet stmata li hija madwar 1,3 miljun biċċa li hija kważi d-doppju tal-konsum tal-Unjoni. Ebda parti oħra ma kkontestat din id-*data* u lanqas ma pprovdiet xi kumment ieħor.

(208) L-użu tal-kapaċità kien ta' madwar 60 %, kif stabbilit fil-premessa (131), li jindika li l-kapaċità Ċiniża hija ferm ogħla mill-ħtiġijiet domestiċi. Il-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina ma tistax tiġi assorbita mis-suq Ċiniż, meta titqies kwalunkwe aspettattiva raġonevoli tat-tkabbir tagħha. Għalhekk, hemm inċentivi qawwija għall-produtturi Ċiniżi biex jesportaw, b'mod partikolari lejn is-suq tal-Unjoni, aktar u aktar jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

7.2. **Prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn pajjiżi terzi**

(209) It-talba għal rieżami pprovdiet *data* dwar il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-HPT miċ-Ċina lejn pajjiżi oħrajn, b'mod partikolari s-suq kbir tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti. Din id-*data* turi li l-esportazzjonijiet komplew fi kwantitajiet kbar u bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tal-Unjoni.

(210) Din id-data ġiet ikkonfermata mill-analiżi tal-Kummissjoni stess li ġiet stabbilita fil-premessa (135) sa (139) hawn fuq.

7.3. **Livelli tal-prezzijiet probabbli miċ-Ċina mingħajr miżuri stabbiliti**

(211) Il-Kummissjoni qieset id-*data* fit-talba għal rieżami u l-analiżi tagħha stess li t-tnejn urew il-prezzijiet li bihom iċ-Ċina tista' tesporta lejn swieq kbar ta' pajjiżi terzi, inklużi l-Istati Uniti.

(212) Dawn il-prezzijiet baxxi jissuġġerixxu li, jekk il-miżuri jiskadu, il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina lejn l-UE jonqsu għal dawn il-livelli. Kif muri fit-Tabella 4, il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami kienu 204 EUR/biċċa, li huwa materjalment aktar baxx mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' [310-330] EUR/biċċa muri fit-Tabella 9, u wkoll inqas mill-kost tal-produzzjoni tagħha [340-370 EUR/biċċa.

(213) Għalhekk, huwa probabbli li mingħajr dazji anti-dumping, l-importazzjonijiet Ċiniżi jbaxxu materjalment il-prezzijiet tal-Unjoni.

7.4. **Ċirkomvenzjoni**

(214) Il-Kummissjoni tinnota fil-premessa (141) li l-investigazzjonijiet preċedenti wrew ċirkomvenzjoni tal-miżuri stabbiliti.

(215) L-ewwel nett, instab li l-miżuri ġew evitati permezz tar-Renju tat-Tajlandja u l-miżuri jibqgħu estiżi għall-importazzjonijiet ikkonsenjati mit-Tajlandja, kemm jekk joriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le.

(216) It-tieni, l-esportaturi Ċiniżi evitaw ukoll il-miżuri billi żiedu l-hekk imsejħa "sistema ta' indikazzjoni tal-piż" fuq il-pallet trucks tal-idejn tagħhom – iżda mhux integrati fix-xażi – u b'hekk jikklassifikaw il-prodotti b'mod li jevita l-ħlas tad-dazju.

(217) Din l-evidenza ta' ċirkomvenzjoni turi li l-produtturi Ċiniżi kienu lesti jevitaw il-miżuri biex jaċċessaw is-suq tal-Unjoni mingħajr ħlas ta' dazji, u dan juri l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għal dawn il-produtturi Ċiniżi.

7.5. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu**

(218) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li jekk il-miżuri jiskadu, x'aktarx li dan jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina f'livelli ta' prezzijiet dannużi, u għalhekk jaggrava ulterjorment il-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

8. **INTERESS TAL-UNJONI**

(219) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti finali tal-Unjoni.

8.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(220) Il-produtturi magħrufa kollha ta' pallet trucks tal-idejn ikkooperaw mal-investigazzjoni. Żewġ kumpaniji ġew inklużi fil-kampjun u nżaru matul l-investigazzjoni u l-bqija tal-kumpaniji pprovdew informazzjoni għall-indikaturi makroekonomiċi permezz tal-avukati li jaġixxu f'isem l-industrija tal-Unjoni.

(221) Il-Kummissjoni tikkonkludi li minħabba d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jekk il-miżuri jiskadu, dan id-dannu jkompli u s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tkompli tiddeterjora aktar.

(222) Il-miżuri huma b'mod ċar fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

8.2. **Interess ta' importaturi u ta' utenti mhux relatati**

(223) L-ebda importatur jew utent ma kkoopera mal-investigazzjoni.

(224) Fl-investigazzjoniijiet kollha ta' qabel, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ma kellhomx effett serju fuq l-importaturi jew l-utenti ta' pallet trucks tal-idejn.

(225) Fin-nuqqas ta' evidenza ġdida, il-Kummissjoni għalhekk tkompli tikkonkludi li l-kontinwazzjoni tal-miżuri mhux se taffettwa lill-importaturi jew lill-utenti b'xi mod sinifikanti.

8.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(226) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti dwar l-importazzjonijiet tal-pallet trucks li joriġinaw miċ-Ċina.

9. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(227) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Huma ngħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni.

(228) Ma wasal l-ebda kumment.

(229) Abbażi tal-konklużjonijiet li laħqet il-Kummissjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping, il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping fuq il-pallet trucks tal-idejn li joriġinaw miċ-Ċina jenħtieġ li jinżammu.

(230) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina miċ-Ċina u manifatturat mill-entitajiet legali msemmijin. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha. Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(231) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([40]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(232) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([41]) meta jkollu jiġi rrimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(233) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'hekk qiegħed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri x-xaża u l-idrawlika, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet CN ex 8427 90 00 (il-kodiċi TARIC 8427 90 00 19) u ex 8431 20 00 (il-kodiċi TARIC 8431 20 00 19), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, il-pallet trucks tal-idejn huma trakkijiet b'roti li jirfdu l-frieket tal-irfigħ għat-tqandil tal-pallets, iddisinjati biex jiġu mbuttati, jinġibdu u jinstaqu bl-idejn, fuq superfiċji lixxi, invellati u ibsin, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. Il-pallet trucks tal-idejn huma ddisinjati biss biex jerfgħu tagħbija, billi jippumpjaw il-laċċ, għal għoli li jkun adegwat għall-ġarr u ma għandhom ebda funzjoni addizzjonali oħra jew użu ieħor bħal pereżempju (i) biex imexxu u jerfgħu t-tagħbijiet sabiex ipoġġuhom f'pożizzjoni ogħla jew sabiex jgħinu fil-ħżin ta' tagħbijiet (high lifters); (ii) biex jistivaw pallet wieħed fuq l-ieħor (stackers); (iii) biex jerfgħu t-tagħbija għal-livell li fih isir ix-xogħol (scissor lifts); jew (iv) biex jerfgħu u jiżnu t-tagħbijiet (weighing trucks).

([40]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

([41]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping	Kodiċi addizzjonali TARIC
Zhejiang Noblelift Equipment Joint Stock Co. Ltd	70,8 %	A603
Ningbo Logitrans Handling Equipment Co., Ltd	54,1 %	A070
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	70,8 %	A999

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Id-dazju anti-dumping definittiv stabbilit fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3, b'ħekk qiegħed jiġi estiż għall-istess prodott iżda ppreżentat f'importazzjoni bl-ħekk imsejħa "sistema ta' indikazzjoni tal-piż" li tikkonsisti minn mekkaniżmu tal-piż mhux integrat fix-xaża, jiġifieri mhux integrat fil-frieket, li bħalissa taqa' taħt il-kodiċijiet TARIC 8427 90 00 30 u 8431 20 00 50.

2. Id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" stabbilit fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3, b'ħekk qiegħed jiġi estiż għall-importazzjonijiet tal-istess pallet trucks tal-idejn ikkonsenjati mit-Tajlandja, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi TARIC 8427 90 00 11 u 8431 20 00 11, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le.

Artikolu 3

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiż skont l-Artikolu 2 għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta l-applikant. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Id-Direttorat G
Rue de la Loi 170 / Wetstraat 170, CHAR 04/034
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Posta elettronika: TRADE-TDI-INFORMATION@ec.europa.eu

2. F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv, tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jwettqux ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mill-Artikolu 1, mid-dazju estiż bl-Artikolu 2.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN